MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2013

Numru. 688/2013

**Il-Pulizija**
**[Spettur Spridione Zammit]**

**vs**

**Anthony Rotin**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Anthony Rotin detentur tal-karta tal-identita` numru 182154(M).

Akkuzat talli:
Fix-xahar ta’ Gunju 2013, waqt li kien fl-iskola MCAST li tinsab f’Telghat Rahal Gdid u/jew f’dawn il-Gzejjer, ikkommetta serq ta’ batteriji u/jew oggetti ohra minn vettura tal-ghamla DAF numru tar-registrazzjoni EBI119, ghad-detriment ta’ Francesco Schembri mis-Swieqi u/jew persuni ohra liema serq aggravat bil-valur li ma jeccedix

2329.37 Ewro, lok, mezz, persuna u bix-xorta tal-haga misruqa;

U aktar talli fl-istess cirkostanzi bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi izda biss li jezercita jedd li jippretendi li ghandu, gieghel b'awtorita` tieghu innifsu u ndahal fi hwejjeg ta' haddiehor u zamm ghandu oggett proprjeta` ta' Francesco Schembri mis-Swieqi.

Rat id-dokumenti pprezentati; inkuz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;
Semghet il-provi; u

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 85, 261(b), (c), d, (e), (g), 263, 264, 268, 269, 271g, 279(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi u stante ammissjoni mill-akkuzat ghall-akkuzi kif dedotti kontrih u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu qeghda issib lill-imputat Anthony Rotin hati tal-ewwel akkuza biss statne li t-tieni akkuza hija alternattiva tal-ewwel u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Finalment, spjegat lill-imputat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------